STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI SSELLEM LILL-PRESIDENT EMERITUS PROF. GUIDO DE MARCO**

L-Akkademja tal-Malti tingħaqad mal-poplu Malti fin-niket u s-sogħba għat-telfa tal-President Emeritus Prof. Guido de Marco li kien imsieħeb magħha bħala Membru Onorarju.

L-Akkademja tal-Malti tagħraf lill-Prof. Guido de Marco bħala wieħed mill-aqwa statisti li qatt ra pajjiżna, bniedem mill-aktar ġentlom u ġeneruż, ħabib kbir tal-poplu Malti u Għawdxi kollu – politiku kbir li ħabb ilsien art twelidu.

Il-Prof. Guido de Marco, li bħala student Universitarju ħadem mill-qrib mal-Prof. Ġużè Aquilina, jibqa' magħruf bħala l-arkitett tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea – fejn illum il-Malti huwa wieħed mill-ilsna uffiċjali.

L-Akkademja tal-Malti, filwaqt li ssellem it-tifkira għażiża ta' dan l-istatista u viżjonarju straordinarju u ħabib kbir tal-ilsien Malti, tixtieq taqsam in-niket u s-solidarjetà tagħha mal-familja de Marco, il-qraba u l-ħbieb tagħhom flimkien mal-bqija tal-poplu Malti.

---

L-14 ta' Awwissu 2010

www.akkademjatalmalti.com